

32005D0915

20.12.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 333/49

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Diċembru 2005

li tawtorizza lir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru u l-Litwanja biex jidderogaw mid-Direttiva 1999/105/KE dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti fir-rigward ta' l-istocks akkumulati bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-1 ta' Mejju 2004

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 5160)

(2005/915/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika tas-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

- (1) Skond l-Artikolu 42 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta miżuri transitorji jekk dawn il-miżuri transitorji jinħtieġu biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mir-reġim eżistenti fl-Istati Membri l-ġodda għal dak li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli veterinarji u fitosanitarji tal-Komunità. Dawk ir-regoli jinkludu r-regoli dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti.
- (2) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing tal-materjali riproduttivi tal-foresti ⁽¹⁾ tipprovdi li l-materjali riproduttivi tal-foresti jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ir-rekwiżiti ta' l-Artikolu 6(1) u 6(3) jkunu sodisfatti.
- (3) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tipprovdi għall-marketing sakemm jispiċċaw l-istocks tal-materjali riproduttivi tal-foresti akkumulati qabel l-1 ta' Jannar 2003.
- (4) Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru u l-Litwanja infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar l-eżistenza ta' stocks materjali riproduttivi tal-foresti prodotti fit-territorji tagħhom bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-1 ta' Mejju 2004. Il-marketing ta' materjal bħal dan m'għandux jiġi permess sakemm ma tingħatax deroga mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva ta' hawn fuq.

(5) Sabiex dawk il-pajjiżi jiġu meġhuna jqiegħdu fis-suq l-istocks tal-materjali riproduttivi prodotti bejn l-1 ta' Jannar 2003 u l-1 ta' Mejju 2004, għandhom jitħallew jqiegħdu fis-suq fit-territorji tagħhom sat-30 ta' April 2007, il-materjali riproduttivi li jkunu ġew prodotti waqt il-perjodu ta' hawn fuq skond id-dispożizzjonijiet għajr dawk stabbiliti fid-direttiva msemmija hawn fuq.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agricoltura, l-Ortikultura u l-Foresti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

B'deroga mill-Artikolu 6(1) u 6(3) tad-Direttiva 1999/105/KE, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru u l-Litwanja huma awtorizzati jqiegħdu fis-suq fit-territorji tagħhom sat-30 ta' April 2007, materjali riproduttivi prodotti bejn l-1 ta' Jannar 2003 u d-data ta' l-adeżjoni li ma kinux uffiċjalment prodotti skond id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

Matul dak il-perjodu, materjali riproduttivi bħal dawn għandhom jitqiegħdu biss fis-suq fit-territorju ta' l-Istati Membri kkonċernati rispettivi. Kull tip ta' tikketta jew dokument, uffiċjali jew le, li jiġi mwaħħal ma' jew jakkumpanja l-materjali riproduttivi skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandu jindika b'mod ċar li l-materjali riproduttivi huma maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq esklussivament fit-territorju tal-pajjiż ikkonċernat.

(¹) ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar is-16 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membri tal-Kummissjoni
